

Brussell, 10 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12944/19

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0136(COD)

CODEC 1466
EF 289
ECOFIN 863
SURE 49

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonossiment ta' CCPs ta' pajjiżi terzi (l-ewwel qari)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fl-20 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta modifikata tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Settembru 2017².
3. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-4 ta' Ottubru 2017³.
4. Fil-plenarja tiegħu mid-9 sal-10 ta' Ottubru 2019, il-Parlament Ewropew approva rettifika għall-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari mit-18 ta' April 2019⁴.

¹ 10363/1/17 REV 1.

² ĠU C 434, 15.12.2017, p. 63.

³ ĠU C 385, 15.11.2017, p. 3.

⁴ 8503/19.

5. Fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u stieden lill-Kunsill biex:

- japprova, bl-astensjoni tal-Lussemburgu u l-vot kontra tar-Renju Unit, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 88/19; u
- jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
